IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2023
COM(2023) 248 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

li jiġbor flimkien *data* speċifika relatata mal-kontijiet tal-ħlas mingħand l-Istati Membri kif meħtieġ skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 2

2. KONFORMITÀ MILL-FORNITURI TAS-SERVIZZI TAL-ĦLAS MAL-ARTIKOLI 4, 5 U 6 2

3. KONFORMITÀ MILL-ISTATI MEMBRI MAR-REKWIŻITI SKONT L-ARTIKOLU 7 BIEX TIĠI ŻGURATA L-EŻISTENZA TA' SITI WEB TAT-TQABBIL 5

4. GĦADD TA' KONTIJIET TAL-ĦLAS LI NBIDLU U L-PROPORZJON TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BDIL LI ĠEW IRRIFJUTATI 5

5. GĦADD TA' ISTITUZZJONIJIET TAL-KREDITU LI JOFFRU KONTIJIET TAL-ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI, L-GĦADD TA' KONTIJIET BĦAL DAWN LI NFETHU U L-PROPORZJON TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦAL KONTIJIET TAL-ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI LI ĠEW IRRIFJUTATI 9

6. KONKLUŻJONI 13

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva dwar il-Kontijiet tal-Ħlas (il-PAD jew id-Direttiva)[1] daħlet fis-seħħ f'Settembru 2014. L-Istati Membri kellhom sat-18 ta' Settembru 2016 biex jadottaw u biex jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva. Skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva, il-Kummissjoni hija meħtieġa tħejji rapport (għall-ewwel darba sat-18 ta' Settembru 2018 u kull sentejn) li jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

1. konformità mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas mal-Artikoli 4, 5 u 6;
2. konformità mill-Istati Membri mar-rekwiżiti sabiex tiġi żgurata l-eżistenza tas-siti web tat-tqabbil skont l-Artikolu 7;
3. l-għadd ta' kontijiet tal-ħlas li nbidlu u l-proporzjon ta' applikazzjonijiet għall-bdil li ġew irrifjutati;
4. l-għadd ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, l-għadd ta' dawn il-kontijiet li nfetħu u l-proporzjon ta' applikazzjonijiet għall-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li ġew irrifjutati.

Kif hemm stabbilit fl-Artikolu 27, ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Madankollu, hemm ċerti nuqqasijiet fid-*data* rċevuta u rrapportata (eż. meta l-informazzjoni ma kinitx disponibbli fi Stat Membru). Barra minn hekk, il-metodoloġiji u s-sorsi tal-ġbir ta' *data* setgħu varjaw fost l-Istati Membri, u dan jista' jagħmel it-tqabbil u l-valutazzjoni tad-*data* diffiċli.

Dan huwa l-ewwel rapport tal-Artikolu 27[2] li jkopri l-perjodu mill-2016 sal-2021. Minbarra dan ir-rapport, il-Kummissjoni fl-istess ħin adottat ir-rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva, kif meħtieġ skont l-Artikolu 28.

2. KONFORMITÀ MILL-FORNITURI TAS-SERVIZZI TAL-ĦLAS MAL-ARTIKOLI 4, 5 U 6

Il-Kapitolu II tad-Direttiva jistabbilixxi regoli dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas. Kif hemm stabbilit fid-diversi premessi, il-Kapitolu II għandu żewġ għanijiet: li s-suq intern jittejjeb u jiġi żviluppat għall-attivitajiet bankarji bl-imnut, filwaqt li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu t-tariffi sabiex ikunu jistgħu jqabblu l-offerti u jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

L-ewwel pass lejn l-ilħuq ta' dawn iż-żewġ għanijiet huwa permezz tad-definizzjoni tat-terminoloġija standardizzata msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva. Permezz ta' approċċ integrat u pass pass, l-Istati Membri issa huma mgħammra b'lista tal-aktar servizzi rappreżentattivi relatati ma' kont tal-ħlas u soġġetti għal tariffa. Dawn it-termini standardizzati jservu wkoll bħala l-bażi għall-bqija tal-Artikoli tal-Kapitolu II fis-sens li,

[1] Id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214).

[2] Dan ir-rapport kellu jiġi pospost parzjalment sabiex jiġi żgurat li d-*data* rilevanti kienet disponibbli minħabba li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri damu biex ittrasponew id-Direttiva. Barra minn hekk, l-atti delegati (standards tekniċi ta' implimentazzjoni u l-istandards tekniċi regolatorji), li huma strumentali għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza tad-Direttiva, ġew ittardjati u saru applikabbli f'Ottubru 2018.

sabiex jikkonformaw mal-artikoli rispettivi tal-Kapitolu II, il-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jeħtieġ li jużaw it-termini standardizzati miftiehma.

F'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva, l-Istati Membri pprovdew l-informazzjoni li ġejja dwar l-Artikoli 4, 5, u 6 dwar il-livell ta' konformità mill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas.

a) Artikolu 4 (Dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u glossarju)
L-Artikolu 4 tad-Direttiva jipprevedi li, "fi żmien biżżejjed qabel ma jidħlu f'kuntratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi fuq karta jew mezz ieħor li jservi għal żmien twil li fih it-termini standardizzati" u "it-tariffi li jikkorrispondu ma' kull servizz" li joffri l-fornitur. L-Artikolu 4, permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni[3], jistabbilixxi wkoll regoli preċiżi dwar il-preżentazzjoni proprja tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi, u jobbliga lill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jagħmlu glossarju ta' mill-inqas it-termini standardizzati u d-definizzjonijiet relatati disponibbli għall-konsumaturi. L-Artikolu 4 jirrikjedi wkoll li l-forniturі jagħmlu, fi kwalunkwe ħin, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u l-glossarju.disponibbli għall-konsumaturi. Dan għandu jkun f'forma elettronika fuq is-siti web tagħhom, u fil-bini tagħhom. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-forniturі jagħmlu disponibbli, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor u mingħajr ħlas, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u l-glossarju, fuq talba tal-konsumatur.

Fir-rigward tal-**livell ta' konformità mill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas mal-obbligu li jipprovdu d-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi lill-konsumaturi fi żmien xieraq (l-Artikolu 4(1))**, l-indikazzjoni ġenerali hija li l-forniturі huma konformi. Dan jirriżulta jew minn spezzjonijiet jew minn stħarriġ fuq il-post (BG, FR, CY, LV, PT, SI) jew mill-fatt li ma wasal l-ebda lment, li jimplika li b'mod ġenerali l-forniturі jidhru li jikkonformaw (BE, CZ, DK, DE, EE, FR, HR, IT, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, RO, SK, FI).

Fir-rigward tal-**livell ta' konformità mill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas mal-obbligu li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi glossarju ta' mill-inqas it-termini standardizzati (l-Artikolu 4(4)),** l-indikazzjoni ġenerali hija li l-forniturі huma konformi. Dan jirriżulta jew minn spezzjonijiet fuq il-post jew minn stħarriġ (BG, FR, CY, LV, PT, SI), jew mill-fatt li ma wasal l-ebda lment, li jimplika li, b'mod ġenerali, il-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jidhru li jikkonformaw (BE, CZ, DK, DE, EE, HR, IT, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, SK, FI).

Fir-rigward tal-**livell ta' konformità mill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas mar-rekwiżit li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi (u ta' dawk li ma humiex konsumaturi), fi kwalunkwe ħin fuq is-sit web tagħhom u fil-bini tagħhom, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u l-glossarju (l-Artikolu 4(5))**, l-indikazzjoni ġenerali hija li l-forniturі tas-servizzi tal-ħlas huma konformi. Dan jirriżulta jew minn spezzjonijiet fuq il-post jew minn stħarriġ (BG, FR, CY, LV, PT, SI), jew mill-fatt li ma wasal l-ebda lment, li jimplika li, b'mod ġenerali, il-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jidhru li jikkonformaw (BE, CZ, DK, DE, EE, HR, IT, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, SK, FI).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/34 tat-28 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format ta' preżentazzjoni standardizzat tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u s-simbolu komuni skont id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, C/2017/6456 OJ L 6, 11.1.2018, p. 37.

b) Artikolu 5 (Dikjarazzjoni tat-tariffi)

L-Artikolu 5 tad-Direttiva jistabbilixxi l-obbligu relatat mal-għoti tad-dikjarazzjoni tat-tariffi. F'konformità ma' dan, il-Kummissjoni ppromulgat Regolament ta' Implimentazzjoni[4] li jistabbilixxi l-format standardizzat ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tariffi u s-simbolu komuni tagħha. L-Artikolu 5 jipprevedi li l-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur, tal-anqas kull sena u mingħajr ħlas, b'dikjarazzjoni tat-tariffi kollha mġarrba għal servizzi marbuta ma' kont ta' pagament.

Fir-rigward tal-**livell ta' konformità mill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas mal-obbligu li jipprovdu, mill-inqas darba fis-sena u mingħajr ħlas, dikjarazzjoni tat-tariffi kollha mġarrba (l-Artikolu 5(1))**, l-indikazzjoni ġenerali hija li l-forniturі huma konformi. Dan jirriżulta jew minn spezzjonijiet fuq il-post jew minn stħarriġ (AT, SI), jew mill-fatt li ma wasal l-ebda lment, li jimplika li, b'mod ġenerali, il-forniturі jidhru li jikkonformaw (BE, BG, CZ, DK, DE, EE, IE, EL, FR, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, PL, SK, FI).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri infurmaw lill-Kummissjoni **li ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' infurzar ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 5. Ftit Stati Membri** (DE, IE, FR, HU, NL) indikaw problemi tal-bidu li seħħew qrib id-data tal-implimentazzjoni. F'dawn il-każijiet, inħarġu twissijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur lill-forniturі tas-servizzi rilevanti, li talbu konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi mingħajr dewmien. L-Irlanda spjegat li, filwaqt li ċerti istituzzjonijiet tal-kreditu għall-konsumatur kellhom kwistjonijiet biex jissodisfaw l-iskadenza tal-31 ta' Ottubru 2019 minħabba restrizzjonijiet tas-sistema/tal-IT, ġew stabbiliti soluzzjonijiet u ġew irranġati problemi tas-sistema, u għalhekk sal-lum ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' infurzar. In-Netherlands spjega li għażel li jinvolvi ruħu mal-forniturі tas-servizzi tal-ħlas b'mod informali (l-ebda azzjoni formali ta' infurzar). Fl-2019, il-Portugall ħareġ 227 ordni speċifika lil 115-il fornitur tas-servizz tal-ħlas minħabba nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 5; l-irregolaritajiet u n-nuqqasijiet ta' konformità identifikati rreferew prinċipalment għar-regoli applikabbli għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-tariffi u għall-mudell u r-rekwiżiti ta' tlestija tagħha. Iċ-Ċekja spjegat li, fl-2019, waħda mill-fergħat tal-banek barranin naqset milli tipprovdi lill-konsumaturi bid-dikjarazzjoni tat-tariffi sal-aħħar ta' Frar; dan kien dovut għal diffikultajiet tekniċi. Fil-bidu ta' Lulju, matul l-investigazzjoni tal-Bank Nazzjonali Ċek, id-dikjarazzjoni ntbagħtet lill-klijenti kollha ta' dik il-fergħa.

c) Artikolu 6: Informazzjoni għall-utenti

L-Artikolu 6 tad-Direttiva jobbliga lill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas, fl-informazzjoni kuntrattwali, kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom lill-konsumaturi, jużaw, fejn applikabbli, it-termini standardizzati. Il-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jitħallew jużaw ismijiet ta' ditti fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u fid-dikjarazzjoni tat-tariffi, dment li dawn l-ismijiet ta' ditti jintużaw bħala dożinjazzjoni sekondarja ta' dawk is-servizzi.

Fir-rigward tal-**livell ta' konformità mill-forniturі tas-servizzi tal-ħlas mal-obbligu li jużaw it-termini standardizzati fl-informazzjoni kuntrattwali, kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom lill-konsumaturi (l-Artikolu 6(1))** , il-forniturі jidhru ġeneralment konformi. Dan jirriżulta jew minn spezzjonijiet fuq il-post jew minn stħarriġ (CY), jew min-nuqqas ta' lmenti li jimplikaw (BE, BG, CZ, DK, DE, EE, EL, FR, HR, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, SI, SK, FI). Ċipru ddikjara li l-eżitu tal-istħarriġ wera li żewġ

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/33 tat-28 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format ta' preżentazzjoni standardizzat tad-dikjarazzjoni tat-tariffi u s-simbolu komuni tagħha skont id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, C/2017/6453, ĠU L 6, 11.1.2018, p. 26.

banek biss irrapportaw li x-xogħol kien għadu għaddej, u dawn jistennew li jkunu konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 sa tmiem l-2022.

Fir-rigward ta' **kemm huwa frekwenti li l-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jinkludu l-isem tad-ditta tagħhom fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u fid-dokument tad-dikjarazzjoni tat-tariffi**, l-istampa ġenerali hija li ħafna drabi l-forniturі jinkludu l-isem tad-ditta.

Fir-rigward tal-informazzjoni dwar **kwalunkwe azzjoni ta' infurzar ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 6 tad-Direttiva,** l-Istati Membri kollha li wieġbu għal din il-mistoqsija ddikjaraw li ma seħħ l-ebda infurzar bħal dan. Franza ddikjarat li ltaqgħet ma' anomaliji żgħar (jiġifieri l-użu ta' termini mhux standardizzati, termini diverġenti użati għall-istess servizz f'dokumenti differenti, eċċ.), li jistgħu joħolqu konfużjoni għall-klijenti. Madankollu, ma ġiet imposta l-ebda sanzjoni minħabba l-fatt li dan il-ksur tqies bħala mhux sostanzjali.

3. KONFORMITÀ MILL-ISTATI MEMBRI MAR-REKWIŻITI SKONT L-ARTIKOLU 7 BIEX TIĠI ŻGURATA L-EŻISTENZA TA' SITI WEB TAT-TQABBIL

L-Artikolu 7 tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għal mill-inqas sit web wieħed li jqabbel it-tariffi mitluba mill-forniturі tal-ħlas għal mill-inqas is-servizzi li jinsabu fil-lista nazzjonali tal-aktar servizzi rappreżentattivi relatati ma' kont ta' pagament u soġġetti għal tariffa. Dan l-Artikolu jipprevedi wkoll li s-sit web tat-tqabbil jista' jitħaddem jew minn operatur privat jew minn awtorità pubblika, u li jkun immexxi b'mod indipendenti. Irid ukoll: jiżvela s-sid tas-sit web; jistabbilixxi kriterji ċari u oġġettivi li fuqhom ikun ibbażat it-tqabbil; juża lingwaġġ sempliċi u mhux ambigwu; ikun aġġornat; ikopri parti sinifikanti mis-suq; u jipprovdi proċedura effettiva għar-rapportar ta' informazzjoni żbaljata dwar it-tariffi ppubblikati.

F'Jannar 2021, kważi l-Istati Membri kollha[5] kellhom mill-inqas sit web wieħed tat-tqabbil, kif meħtieġ skont l-Artikolu 7. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri fdaw il-kompitu tal-istabbiliment u l-aġġornament sussegwenti tat-tabella lil awtorità pubblika[6].

4. GĦADD TA' KONTIJIET TAL-ĦLAS LI NBIDLU U L-PROPORZJON TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BDIL LI ĠEW IRRIFJUTATI

a) Kontijiet tal-ħlas li nbidlu

Bl-għan li jiġi ffaċilitat il-bdil ta' kontijiet tal-ħlas, l-Artikolu 10 tad-Direttiva kien jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-forniturі tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu servizz ta' bdil ċar u rapidu fi ħdan l-Istat Membru.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri għall-għadd ta' kontijiet tal-ħlas li nbidlu fil-perjodu bejn l-2016 u l-2021. Mhux l-informazzjoni kollha hija disponibbli fl-Istati Membri kollha, għalhekk it-tabella għandha ċerti nuqqasijiet. B'mod partikolari, id-*data* għall-2021 kienet għadha ma hijiex disponibbli fiż-żmien tal-ġbir għall-

[5] Fir-rigward tal-Ġermanja, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi s-sitwazzjoni wara li s-sit web tat-tqabbil tagħha kien soġġett għal inġunzjoni ppreżentata minn assoċjazzjoni lokali tal-konsumaturi.

[6] Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, u n-Netherlands għandhom is-siti web tat-tqabbil rispettivi tagħhom immexxija minn operatur privat. Il-Polonja għandha żewġ siti web tat-tqabbil konformi, li wieħed minnhom huwa mmexxi privatament. Il-bqija għandhom sit web tat-tqabbil pubbliku.

Istati Membri kollha. Bl-istess mod, minħabba t-traspożizzjoni tardiva f'xi Stati Membri, servizz ta' bdil seta' ma kienx disponibbli fl-2016 jew fl-2017, jew id-*data* ma nġabritx għal dawn is-snin. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, id-*data* mhux dejjem inġabret fuq bażi annwali, iżda pjuttost għal perjodu itwal.

Apparti dan, id-*data* pprovduta tista' ma tkunx kompletament komparabbli minħabba metodi differenti ta' ġbir ta' *data*. Pereżempju, f'xi Stati Membri, huwa obbligatorju għall-istituzzjonijiet tal-kreditu li jirrapportaw id-*data* perjodikament (jew fuq bażi *ad hoc*). Madankollu, fi Stati Membri oħrajn, id-*data* tista' tinġabar biss fuq bażi volontarja jew biss minn kampjun ta' istituzzjonijiet tal-kreditu. Barra minn hekk, f'xi każijiet, iċ-ċifri pprovduti minn xi Stati Membri għall-2016 jistgħu jinkludu bidliet li seħħew matul dik is-sena fix-xhur ta' qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (eż. jekk diġà kien jeżisti servizz simili ta' bdil f'dawk l-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva). Għal dawn ir-raġunijiet kollha, huwa diffiċli li jinstiltu konklużjonijiet ċari.

Tabella 1: *Għadd ta' bidliet annwali* [7]

[7] Id-*data* Estonjana tirreferi għall-perjodu 10.1.2017-31.7.2018 u 1.8.2018-31.7.2020. Id-*data* Ġermaniża tirreferi għall-perjodu 18.9.2016-30.6.2018 u għall-2019. Għall-kalkolu tal-għadd totali ta' bidliet fis-sena, iċ-ċifri miġbura għal perjodu itwal minn sena (eż. fl-Estonja u fil-Ġermanja) tqassmu b'mod proporzjonali għal snin individwali.

	Għadd ta' bdil li seħħ kull sena						
Pajjiż	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**Total**
Il-Belġju	44,960	37,873	69,868	68,504	71,149	84,699	377,053
Il-Bulgarija	0	3	0	2	2	0	7
Iċ-Ċekja		61,418	74,458	89,412	75,107	75,636	376,031
Id-Danimarka	184,674	189,643	188,204	190,402	199,334	205,582	1,157,839
Il-Ġermanja		755,000		467,549			1,222,549
L-Estonja			179		362		541
L-Irlanda	1,421	5,221	4,440	6,668	2,369		20,119
Il-Greċja		0	0	2	1	4	7
Spanja			177	2,928	24,903		28,008
Franza		1,106,000	1,214,000	1,361,000	1,251,000	1,387,000	6,319,000
Il-Kroazja		70	2,026	3,943	1,676	2,766	10,481
L-Italja	54,276	96,628	129,740	148,653	150,956	210,280	790,533
Ċipru		0	0	3	6	6	15
Il-Latvja		0	0	66	32	103	201
Il-Litwanja		274	259	1,334	944	900	3,711
Il-Lussemburgu		251	477	477	519	507	2,231
L-Ungerija	22	1,616	1,069	1,386	2,332	2,021	8,446
Malta				0	0	0	0
In-Netherlands	77,473	67,345	90,798	60,529	51,376	42,043	389,564
L-Awstrija		127,465	97,364	119,097	110,259	97,911	552,096
Il-Polonja	32,168	34,206	34,206	49,824	22,674	12,579	185,657
Il-Portugall			22	12	40	45	119
Ir-Rumanija			42	56			98
Is-Slovenja		3,114	8,215	10,777	10,502	10,584	43,192
Is-Slovakkja	9,606	10,896	5,436	56,508	31,659	53,126	167,231
Il-Finlandja		23,045	41,277	27,264	25,067		116,653
L-Iżvezja							
Total	512,457	2,196,617	2,177,926	2,666,577	2,032,013	2,185,792	**11,771,382**

Abbażi tad-*data* disponibbli, it-tabella turi li hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri. F'xi Stati Membri, saru għadd konsiderevoli ta' bidliet (eż. id-Danimarka jew Franza), b'xejra li, f'xi każijiet, qiegħda tiżdied; madankollu, iċ-ċifri huma baxxi ħafna f'oħrajn (eż. il-Bulgarija, il-Greċja, Ċipru, Malta, il-Portugall jew ir-Rumanija). [8]

[8] Għadd ta' fatturi jistgħu jkunu qegħdin jaffettwaw il-livell ta' bdil. Pereżempju, is-servizz tal-bdil japplika għal kontijiet tal-ħlas iżda mhux għal prodotti finanzjarji oħrajn (eż. self ipotekarju u investimenti) li jista' jkun marbut magħhom il-kont tal-pagament. Barra minn hekk, il-konsumaturi jista' jkollhom biss sensibilizzazzjoni limitata tas-servizz u mhux dejjem jistgħu jiġu infurmati dwaru – jew saħansitra jiġu skoraġġuti milli jużawh. Raġunijiet oħrajn possibbli jinkludu n-nuqqas ta' litteriżmu finanzjarju u s-suppożizzjoni li l-bidla twassal biss għal iffrankar limitat; xewqa li wieħed ma jitlifx in-numru tal-kont bankarju tiegħu; u r-riskju li l-ħlasijiet jistgħu jintilfu. (Għad-dettalji, ara r-rapport tal-Artikolu 28).

b) Għadd (u proporzjon) ta' applikazzjonijiet għal bdil irrifjutati

L-Istati Membri pprovdew l-informazzjoni inkluża fit-tabella ta' hawn taħt rigward l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-bdil li ġew irrifjutati fil-perjodu bejn l-2016 u l-2021. Il-proporzjonijiet ġew ikkalkolati billi ttieħed l-għadd ta' bidliet li seħħew u l-għadd ta' applikazzjonijiet għal bidliet li ġew irrifjutati bħala perċentwal tal-applikazzjonijiet totali [9]. B'mod simili għal dak ta' hawn fuq, l-informazzjoni dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet għal bdil irrifjutati ma hijiex kompluta. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, id-*data* dwar applikazzjonijiet irrifjutati ma tinġabarx. Apparti dan, id-*data* pprovduta tista', f'dan il-każ ukoll, ma tkunx kompletament komparabbli minħabba l-metodi differenti tal-ġbir ta' *data* użati mill-Istati Membri.

Tabella 2: *Għadd u proporzjon ta' applikazzjonijiet għall-bdil li ġew irrifjutati* [10]

	Għadd ta' applikazzjonijiet għall-bdil li ġew irrifjutati kull sena u l-proporzjon ta' applikazzjonijiet li ġew irrifjutati													
Pajjiż	**2016**	**%**	**2017**	**%**	**2018**	**%**	**2019**	**%**	**2020**	**%**	**2021**	**%**	**Total**	**% Total**
Il-Belġju									5,857	7.61 %	5,909	6.52 %	11,766	3.03 %
Il-Bulgarija	0	-	0	0 %	0	-	0	0 %	0	0 %	0	-	0	0 %
Iċ-Ċekja			3,956	6.05 %	3,675	4.70 %	5,956	6.25 %	5,709	7.06%			19,296	4.88 %
Id-Danimarka														
Il-Ġermanja			9,500			1.24 %	9,309	1.95 %					18,809	1.52 %
L-Estonja				0 %				25 %						
L-Irlanda	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %			0	0 %
Il-Greċja			0	-	0	-	0	0 %	0	0 %	1	20 %	1	12.50 %
Spanja					202	53.30 %	1,786	37.89 %	24,677	49.77 %			26,665	48.77 %
Franza							35,386	2.53 %	40,032	3.10 %	38,836	2.72 %	114,254	1.78 %
Il-Kroazja			6	7.89 %	147	6.76 %	287	6.78 %	89	5.04 %	132	4.55 %	661	5.93 %
L-Italja	8,901	14.09 %	11,045	10.26 %	19,446	13.03 %	17,980	10.79 %	18,052	10.68 %	24,336	10.37 %	99,760	11.21 %
Ċipru			0	-	0	-	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Il-Latvja			0	-	0	-	6	8.33 %	3	8.57 %	7	6.36 %	16	7.37 %
Il-Litwanja														
Il-Lussemburgu			1	0.40 %	2	0.42 %	3	0.63 %	3	0.57 %	2	0.39 %	11	0.49 %
L-Ungerija	3	12.00 %	494	23.41 %	304	22.14 %	359	20.57 %	406	14.83 %	370	15.47 %	1,936	18.65 %
Malta							0	-	0	-	0	-	0	-
In-Netherlands			11,227	14.29 %	11,704	11.42 %	9,058	13.02 %	4,681	8.35 %	4,727	10.11 %	41,397	9.61 %
L-Awstrija			53	0.04 %	82	0.08 %	174	0.15 %	97	0.09 %	54	0.06 %	460	0.08 %
Il-Polonja							201	0.40 %	3786	14.31 %			3,987	2.10 %
Il-Portugall					4	15.38 %	9	42.86 %	5	11.11 %	6	11.76 %	24	16.78 %
Ir-Rumanija					27	39.13 %	12	17.65 %					39	28.47 %
Is-Slovenja														
Is-Slovakkja	760	7.33 %	773	6.62 %	349	6.03 %	4,727	7.72 %	2,631	7.67 %	4,930	8.49 %	14,170	7.81 %
Il-Finlandja			104	0.45 %	31	0.08 %	15	0.05 %	13	0.05 %			163	0.14 %
L-Iżvezja														
Total	11,021		33,088		38,687		85,268		106,041		79,310		**353,415**	**2.91 %**

[9] L-irtirar possibbli tal-applikazzjonijiet ma setax jiġi kkunsidrat (minħabba nuqqas ta' *data*).

[10] Id-*data* Estonjana tirreferi għall-perjodu 10.1.2017-31.7.2018 u 1.8.2018-31.7.2020. Id-*data* Ġermaniża tirreferi għall-perjodu 18.9.2016-30.6.2018 u għall-2019. Għall-kalkolu tal-għadd totali ta' bidliet fis-sena, iċ-ċifri miġbura għal perjodu itwal minn sena (eż. fl-Estonja u fil-Ġermanja) tqassmu b'mod proporzjonali għal snin individwali.

Jidher li l-għadd ta' rifjuti għall-applikazzjonijiet ta' bdil huwa ġeneralment baxx. Madankollu, jidher li hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri individwali, filwaqt li ftit juru ċifri għoljin (eż. Spanja, l-Ungerija jew ir-Rumanija). Filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-kreditu fil-prinċipju ma għandhom jirrifjutaw l-ebda bdil, l-istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu jirrifjutaw li jagħlqu kont tal-ħlas, jekk ikun hemm obbligu pendenti [11]. Każijiet oħrajn jistgħu jikkonċernaw formoli tal-applikazzjoni tal-bdil mhux kompluti jew mhux korretti.

5. GĦADD TA' ISTITUZZJONIJIET TAL-KREDITU LI JOFFRU KONTIJIET TAL-ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI, L-GĦADD TA' KONTIJIET BĦAL DAWN LI NFETĦU U L-PROPORZJON TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦAL KONTIJIET TAL-ĦLAS B'KARATTERISTIĊI BAŻIĊI LI ĠEW IRRIFJUTATI

Sabiex titrawwem l-inklużjoni finanzjarja, l-Artikolu 16 tad-Direttiva jistabbilixxi d-dritt ta' aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (PABF) għall-konsumaturi kollha legalment residenti fl-UE. Il-PABFs għandhom jiġu offruti lill-konsumaturi mill-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha jew minn għadd suffiċjenti ta' istituzzjonijiet tal-kreditu biex jiġi garantit aċċess għalihom għall-konsumaturi kollha fit-territorju tagħhom.

a) Għadd ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li joffru PABFs

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha li jipprovdu kontijiet tal-ħlas standard għandhom joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Fi Stati Membri oħrajn (ara t-tabella hawn taħt), huma biss xi istituzzjonijiet tal-kreditu, jiġifieri dawk li jissodisfaw kriterji speċifiċi stabbiliti mill-Istati Membri individwali, li huma obbligati joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Madankollu, f'dawn l-Istati Membri kollha, l-istituzzjonijiet tal-kreditu obbligati jidhru li ġeneralment ikopru sehem kbir mis-suq f'termini ta' għadd ta' kontijiet tal-ħlas.

[11] L-Artikolu 10(4) e) tal-PAD jiddikjara li l-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi għandu jagħlaq il-kont tal-ħlas fid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni jekk il-konsumatur ma jkollu l-ebda obbligu pendenti fuq dak il-kont tal-ħlas, u sakemm l-azzjonijiet elenkati fil-punti (a), (b) u (d) ikunu tlestew.

Tabella 3: *Stati Membri [12] fejn xi istituzzjonijiet tal-kreditu biss joffru PABFs*

Pajjiż	Kriterji speċifiċi tal-Istat Membru biex jiġi offrut PABF mill-istituzzjonijiet tal-kreditu	Għadd totali ta' istituzzjonijiet tal-kreditu obbligati li joffru PABF (meta mqabbel mal-għadd totali ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li jipprovdu kontijiet tal-ħlas) u s-sehem tagħhom mis-suq
Il-Greċja	L-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha li jipprovdu servizzi tal-ħlas lill-konsumaturi, bl-eċċezzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li jipprovdu kont tal-ħlas b'faċilitajiet online biss	12
Il-Kroazja	Istituzzjonijiet tal-kreditu li l-assi totali tagħhom skont id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali awditjati għas-sena preċedenti jaqbżu HRK 15-il biljun.	7 minn 21 94%
Ċipru	Il-Bank Ċentrali ta' Ċipru approva l-eżenzjoni minn dan l-obbligu għal tliet banek inkorporati lokalment.	25 minn 28 98,50%
Il-Lussemburgu	Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jeħtieġlu jkollu tal-inqas 25 aġenzija fil-Lussemburgu u jeħtieġlu jkollu tal-inqas 2,5 % tad-depożiti koperti.	5 100%
Malta	Istituzzjonijiet tal-kreditu li jkollhom network ta' fergħa fiżika ta' ħamsa jew aktar	Dawn il-ħames banek għandhom il-maġġoranza tas-sehem mis-suq fil-pajjiż
In-Netherlands	Banek ewlenin. Il-banek parteċipanti qablu ma' dan f'patt dedikat.	5 Madwar 85%
Is-Slovakkja	Banek u fergħat ta' banek barranin sal-punt li jipprovdu s-servizzi bankarji kollha marbuta ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom.	11

b) Għadd ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (PABFs)

L-informazzjoni dwar l-għadd ta' PABFs ipprovduti mill-Istati Membri u stabbilita fit-tabella ta' hawn taħt ma hijiex kompluta għal ċerti snin. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, l-istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu ma jagħmlux distinzjoni bejn kont tal-ħlas standard u PABF, biex b'hekk ma tkun teżisti l-ebda *data* dwar il-PABFs. Bl-istess mod, l-informazzjoni mhux dejjem tista' tkun komparabbli minħabba metodi differenti ta' ġbir ta' *data*. Lil hinn minn dan, nuqqas ta' komparabbiltà huwa wkoll dovut għall-fatt li, f'xi Stati Membri, xi istituzzjonijiet tal-kreditu biss joffru l-PABFs bħala prodott speċifiku, filwaqt li istituzzjonijiet tal-kreditu oħrajn ma jagħmlux distinzjoni bejn tipi differenti ta' kontijiet. F'dawn il-pajjiżi, għalhekk, iċ-ċifri jkopru biss il-PABF offrut bħala prodott speċifiku. B'konsegwenza ta' dan, għal darba oħra huwa diffiċli li jinstiltu konklużjonijiet sodi.

[12] Fis-Slovakkja, huma biss l-istituzzjonijiet tal-kreditu li jipprovdu s-servizzi bankarji kollha relatati ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom lill-konsumaturi li huma obbligati. Pereżempju, jekk istituzzjoni tal-kreditu tipprovdi dawn is-servizzi, iżda biss lil klijenti kummerċjali, din l-istituzzjoni tal-kreditu ma hijiex obbligata. Fil-każ ta' xi banek li joperaw purament permezz tal-internet, li ma għandhomx fergħat fiżiċi, jekk ma jipprovdux ġbid ta' flus kontanti mingħand il-kaxxiera tal-fergħat fiżiċi tal-banek, lanqas dawn ma huma obbligati.

Tabella 4: *Għadd ta' PABFs* [13]

	Għadd totali ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li nfetħu kull sena						
Pajjiż	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**Total**
Il-Belġju	1,545	1,248	1,867	9,224	9,442		23,326
Il-Bulgarija	76	615	309	335	527	337	2,199
Iċ-Ċekja		39,973	37,155	16,207	7,996		101,331
Id-Danimarka							
Il-Ġermanja		540,500		144,194			684,694
L-Estonja		144,455		228,567			373,022
L-Irlanda	9,153	38,847	43,974	47,116	14,410		153,500
Il-Greċja		198,258	286,141	223,640	189,090	196,387	1,093,516
Spanja			7,645	13,831	18,775		40,251
Franza	55,979	60,093	55,979	51,668	36,056	34,594	294,369
Il-Kroazja		47	106	175	140	186	654
L-Italja	10,994	14,304	12,450	12,512	11,251	12,557	74,068
Ċipru		429		1,380	38,503	3,636	43,948
Il-Latvja		142	131	66	85	169	593
Il-Litwanja		26,000	7,600	7,100	7,600	5,400	53,700
Il-Lussembrugu		119	32	24	17	15	207
L-Ungerija							
Malta			36	4,858	6,410	3,196	14,500
In-Netherlands							
L-Awstrija		6,877	4,668	3,545	3,323	4,809	23,222
Il-Polonja				5,774	7,262		13,036
Il-Portugall	12,736	11,992	17,201	47,587	30,073	25,935	145,524
Ir-Rumanija			2,654	4,203			6,857
Is-Slovenja		72	430	263	252	198	1,215
Is-Slovakkja	1,309	797	872	741	555	546	4,820
Il-Finlandja	54,926	11,032	9,951	11,099	9,749		96,757
L-Iżvezja							
Total	281,843	772,134	677,742	700,778	524,847	287,965	**3,245,309**

L-informazzjoni pprovduta fit-tabella turi li matul il-perjodu rrapportat, infetaħ għadd konsiderevoli ta' PABFs. Pereżempju, kien hemm adozzjoni sinifikanti f'xi wħud mill-Istati Membri li qabel kellhom perċentwal ogħla tal-popolazzjoni tagħhom mingħajr kont tal-ħlas (eż. iċ-Ċekja, Ċipru, il-Greċja, il-Litwanja). Madankollu, l-użu kien pjuttost baxx f'xi oħrajn (eż., il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Latvja, il-Polonja u r-Rumanija)[14].

[13] Id-*data* Ċiprijotta tirreferi għall-perjodu 1.7.2017-31.5.2018; 2019, 2020 u 2021 u l-biċċa l-kbira tagħha hija dovuta għal riklassifikazzjonijiet minn kontijiet bażiċi tal-ħlas eżistenti għall-kategorija PABF fuq l-inizjattiva tal-bank. Id-*data* Estonjana tirreferi għall-perjodu 10.1.2017-31.7.2018 u 1.8.2018-31.7.2020. Id-*data* Ġermaniża tirreferi għall-perjodu 18.9.2016-30.6.2018 u għall-2019. Għall-kalkolu tal-għadd totali ta' PABFs fis-sena, iċ-ċifri miġbura għal perjodu itwal minn sena (eż. fl-Estonja u fil-Ġermanja) tqassmu b'mod proporzjonali għal snin individwali.

[14] Għadd ta' raġunijiet differenti jistgħu jispjegaw l-għadd relattivament baxx ta' PABFs. L-ewwel nett, il-perċentwal ta' persuni b'kont bankarju kien diġà għoli ħafna f'bosta Stati Membri meta ġiet adottata l-PAD. It-tieni, xi Stati Membri diġà kellhom għodod simili fis-seħħ. It-tielet, minħabba li l-kontijiet standard (inklużi l-kontijiet online mingħajr ħlas) huma aċċessibbli ħafna, il-PABFs jistgħu ma jkunux rilevanti għall-konsumaturi li jkollhom aċċess għal dawk il-kontijiet. Raġunijiet oħrajn għal adozzjoni baxxa jistgħu jkunu nuqqas ta' sensibilizzazzjoni tal-konsumatur. (Għad-dettalji, ara r-rapport tal-Artikolu 28).

c) Għadd (u proporzjon) ta' applikazzjonijiet għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li ġew irrifjutati

Id-*data* dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-PABFs li ġew irrifjutati nkisbet mill-Istati Membri (ara t-tabella ta' hawn taħt). Il-proporzjonijiet ġew ikkalkolati billi ttieħed l-għadd ta' PABFs miftuħa u l-għadd ta' applikazzjonijiet għal PABF li ġew irrifjutati bħala sehem mill-applikazzjonijiet totali [15]. Id-*data* hija soġġetta għall-istess twissijiet bħal qabel: mhux l-informazzjoni kollha hija disponibbli u d-*data* tista' ma tkunx kompletament komparabbli.

Tabella 5: *Għadd u proporzjon ta' applikazzjonijiet għal PABF li ġew irrifjutati* [16]

	Għadd totali ta' PABFs li ġew irrifjutati kull sena u l-proporzjon ta' applikazzjonijiet għal PABF li ġew irrifjutati													
Pajjiż	**2016**	**%**	**2017**	**%**	**2018**	**%**	**2019**	**%**	**2020**	**%**	**2021**	**%**	**Total**	**% Total**
Il-Belġju	3	0.19 %	0	0 %	0	0 %	2	0.02 %	6	0.06 %			11	0.05 %
Il-Bulgarija	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Iċ-Ċekja			6	0.02 %	26	0.07 %	45	0.28 %	129	1.59 %			206	0.20 %
Id-Danimarka														
Il-Ġermanja			14,600			2.63 %	5,158	3.45 %					19,758	2.80 %
L-Estonja				2.5 %				2.8 %						
L-Irlanda	23	0.25 %	17	0.04 %	25	0.06 %	5	0.01 %	2	0.01 %			72	0.05 %
Il-Greċja			0	0 %	0	0 %	143	0.06 %	2,870	1.50 %	1,619	0.82 %	4,632	0.42 %
Spanja					7	0.09 %	986	6.65 %	2,227	10.60 %			3,220	7.41 %
Franza	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %		0 %
Il-Kroazja			0	0 %	6	5.36 %	0	0 %	2	1.41 %	0	0 %	8	1.21 %
L-Italja	224	2.00 %	171	1.18 %	171	1.35 %	237	1.86 %	171	1.50 %	236	1.84 %	1,210	1.61 %
Ċipru				1			103	6.95 %	12	1.68 %	68	2.05 %	184	3.09 %
Il-Latvja			13	8.39 %	60	31.41 %	118	64.13 %	127	59.91 %	22	11.52 %	340	36.44 %
Il-Litwanja			3	0.01 %	6	0.08 %	2	0.03 %	0	0 %			11	0.02 %
Il-Lussemburgu			1	0.83 %	0	0 %	4	14.29 %	0	0 %	1	6.25 %	6	2.82 %
L-Ungerija														
Malta					0	0 %	117	2.35 %	96	1.48 %	68	2.08 %	281	1.90 %
In-Netherlands														
L-Awstrija			131	1.87 %	112	2.34 %	80	2.21 %	81	2.38 %	217	4.32 %	621	2.60 %
Il-Polonja							104	1.77 %	176	2.37 %			280	2.10 %
Il-Portugall	185	1.43 %	150	1.24 %	265	1.52 %	581	1.21 %	358	1.18 %	315	1.20 %	1,854	1.26 %
Ir-Rumanija					2	0.08 %	0	0 %					2	0.03 %
Is-Slovenja			21	22.58 %	9	2.05 %	12	4.36 %	1	0.40 %	9	4.35 %	52	4.10 %
Is-Slovakkja	4	0.30 %	1	0.13 %	0	0 %	1	0.13 %	2	0.36 %			8	0.17 %
Il-Finlandja			36	0.33 %	22	0.22 %	2	0.02 %	2	0.02 %			62	0.06 %
L-Iżvezja														
Total	4,089		7,850		4,362		7,700		6,262		2,555		**32,818**	**1.00 %**

[15] Ma ġiex ikkunsidrat l-irtirar possibbli tal-applikazzjonijiet (minħabba nuqqas ta' *data*).

[16] Id-*data* Ċiprijotta tirreferi għall-perjodu 1.7.2017-31.5.2018; 2019, 2020 u 2021 u l-proporzjonijiet ġew ikkalkolati fuq il-bażi ta' applikazzjonijiet ġodda, mingħajr ma tqiesu r-riklassifikazzjonijiet jew il-konverżjonijiet possibbli għal PABFs. Id-*data* Estonjana tirreferi għall-perjodu 10.1.2017-31.7.2018 u 1.8.2018-31.7.2020. Id-*data* Ġermaniża tirreferi għall-perjodu 18.9.2016-30.6.2018 u għall-2019. Għall-kalkolu tal-għadd totali ta' applikazzjonijiet irrifjutati ta' PABFs fis-sena, iċ-ċifri miġbura għal perjodu itwal minn sena (eż. fl-Estonja u fil-Ġermanja) tqassmu b'mod proporzjonali għal snin individwali. Id-*data* Latvjana tirrifletti wkoll l-informazzjoni dwar il-PABFs itterminati fuq inizjattiva tal-konsumatur.

Id-*data* tindika li r-rati ta' rifjut tal-applikazzjonijiet għal PABF huma ġeneralment baxxi ħafna u f'għadd żgħir ta' Stati Membri (eż. il-Bulgarija jew Franza) ma hemm l-ebda rifjut [17]. Madankollu, fi ftit Stati Membri, jeżisti livell ftit ogħla ta' rifjut, filwaqt li r-rata ta' rifjut fi Stat Membru wieħed (il-Latvja) tidher partikolarment għolja.

6. KONKLUŻJONI

Il-perjodu ta' żmien tad-*data* miġbura u d-differenzi fil-metodi tal-ġbir ta' *data* jagħmluha diffiċli li jinstiltu konklużjonijiet definittivi dwar l-impatt tad-Direttiva fil-prattika. Madankollu, ir-rapport jikkonferma li l-miżuri ewlenin tad-Direttiva, rigward it-trasparenza u l-komparabbiltà, is-servizz tal-bdil, u d-dritt għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, kollha ġeneralment ġew stabbiliti.

Bit-twissijiet ta' nuqqasijiet fid-*data* u metodi differenti ta' ġbir ta' *data*, id-*data* tidher li tindika li, f'xi Stati Membri, seħħew għadd konsiderevoli ta' bidliet, f'xi każijiet - b'xejra li qiegħda tiżdied. Madankollu, iċ-ċifri huma baxxi ħafna fi Stati Membri oħrajn. L-għadd ta' rifjuti fuq l-applikazzjonijiet ta' bdil jidher ġeneralment baxx , għalkemm huwa għoli fi ftit Stati Membri.

Fir-rigward tal-PABFs, id-*data* turi li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha li jipprovdu kontijiet tal-ħlas standard għandhom joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Madankollu, fi Stati Membri oħrajn, huma biss xi istituzzjonijiet tal-kreditu, jiġifieri dawk li jissodisfaw kriterji speċifiċi stabbiliti mill-Istati Membri individwali, li huma obbligati joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. F'dawn il-każijiet tal-aħħar, l-istituzzjonijiet tal-kreditu obbligati madankollu jidhru li ġeneralment ikopru sehem kbir mis-suq. Barra minn hekk, id-*data* turi li, matul il-perjodu rrapportat, infetħu għadd konsiderevoli ta' PABFs, għalkemm ftit biss f'xi Stati Membri. Madankollu, kien hemm adozzjoni sinifikanti f'xi Stati Membri b'perċentwal preċedentement ogħla ta' popolazzjoni mingħajr bank. Ir-rati ta' rifjut tal-applikazzjonijiet tal-PABF jidhru ġeneralment baxxi ħafna. Madankollu, fi ftit Stati Membri, jeżisti livell ftit ogħla ta' rifjut, filwaqt li r-rata ta' rifjut fi Stat Membru wieħed tidher partikolarment għolja.

Sabiex 'il quddiem jiġu żgurati disponibbiltà u komparabbiltà aktar kompleti tad-*data*, il-Kummissjoni qiegħda taħdem mal-Istati Membri biex taqbel mas-settijiet rilevanti tad-*data* li għandhom jinġabru/jiġu pprovduti.

[17] Pereżempju, ir-rata ta' rifjut fi Franza hija ta' 0 %. F'dan l-Istat Membru hemm mekkaniżmu biex tiġi nnominata istituzzjoni tal-kreditu speċifika biex tipprovdi PABF lil konsumatur li l-applikazzjonijiet tiegħu għal PABF ikunu ġew irrifjutati.